MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 537/2010

**Borg Transportation Limited (C9485)**

**VS**

**The Golden Shepherd Group Limited (C14948)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' rikorrent fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Dicembru 2010 fejn l-istess socjeta talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' tmint elef, hames mija w hamsa w ghoxrin Ewro w tnax-il centezmu (€8,525.12), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' diesel mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta fuq ordnijiet taghha stess u li baqa' ma thallasx (ara l-fatturi indikati fuq il-prospett anness u markat bhala Dok A) oltre l-imghaxijiet fuq is-somma kapitali kalkolati mid-dati tal-fatturi relattivi, bl-oghla rata jew rati permessi mil-ligi.

Nonostante li giet interpellata thallas diversi drabi sabiex taffettwa l-hlas relattiv, inkluz b'ittra bonarja datata 27 t'Ottubru 2010 (annesa w immarkata bhala Dok B) is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra bonarja fuq imsemmija w tal-mandat ta' sekwestru kawatelatorju li gie prezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors. Is-socjeta' konvenuta minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Purtier Julian Caruana datata 5 ta' Mejju 2011 fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, fl-ghassa tal-pulizija ta' Santa Venera kif ukoll fl-indirizz tas-socjeta' konvenuta kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta attrici (a fol. 12 tergo tal-process)

Illi s-socjeta' konvenuta giet ukoll notifikata b'dan ir-rikors permezz ta' avviz li deher fil-gazetta tal-Gvern datat 9 ta' Awwissu 2011 u fil-gazzetta lokali l-*Orizzont* datat 27 ta' Settembru 2011.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Otttubru 2011 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontestaw t-talba attrici w lanqas biex tirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2011 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef, hames mija w hamsa w ghoxrin Ewro w tnax-il centezmu (€8,525.12) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra bonarja imsemmija fir-rikors promotur a karigu tas-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------